# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 23**

**Avviz numru 178/00/SM**

**Dr. Charles Galea bhala mandatarju specjali tal-assenti Dr. Joseph Galea MD.**

**vs**

**Franca Pia Di Donna**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Illi fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, tizgombra mill-fond bl-isem "Groton" 738, St. Joseph High Road, Hamrun, liema fond huwa**

**okkupat minnha minghajr titolu validu fll-ligi. Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi ddikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond "de quo" huwa ta' mija u erbgha u tmenin Lira Maltin (Lm184.00,0) fis-sena.  Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**2. Bl-ispejjez gudizzjarji u b'riserva ghall-kull azzjoni ghad-danni inkluz minhabba okkupazzjoni illegali tal-fond in kwistjoni da parti taghha;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-4 t'April tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici hija nfondata peress li l-eccipjenti ghandha titolu validu ta' lokazzjoni skond il-ligi, kif jigi pprovat fil-kawza;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-attur nomine;**

**3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-fond 738, St. Joseph High Road, Hamrun, huwa proprjeta' ta' Dr. Joseph Galea, liema fond kien mikri lill-mama' tal-konvenuta;**

**2. Illi l-mama' tal-konvenuta kienet armla, tghix wehedha fl-imsemmi fond u giet rekoverata fid-dar ta' l-anzjani Holy Family in-Naxxar fl-1 ta' Marzu ta' l-1998 fejn iddecediet fis-7 ta' Jannar ta' l-1999;**

3. **Illi ghalhemm jirrizulta li l-konvenuta kienet tghix ghal xi perjodi fil-fond mertu ta' din il-kawza, pero' fil-perjodu operattiv cioe' f'Jannar ta' l-1999 u qabel hi kienet tghix fil-fond Flat 1, Ellul Flats, Triq Carlo Darmanin, Pieta, li kienet tikri minghand Gwido Ellul ghall-perjodu minn April ta' l-1998 sa Gunju ta' l-1999;**

4. **Illi c-cwievet tal-fond mertu ta' din il-procedura kienu, fil-perjodu operattiv fuq indikat fil-pussess ta' l-amministratur tal-wirt tal-mama' tal-konvenuta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm jista' ghall-grazja ta' l-argument jinghad li l-konvenuta kellha xi problemi mal-familjari taghha pero' dawn huma ghal kollox irrilevanti ghall-vertenza odjerna;**

**Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li fil-perjodu operattiv, senjatament is-7 ta' Jannar ta' l-1999 u qabel, il-konvenuta ma tirrizultax li kienet tabita fil-fond 738, St. Joseph High Road, Hamrun;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' t-talbiet attrici u:**

1. **Tiddikjara li l-konvenuta qed tokkupa l-fond 738, St. Joseph High Road, Hamrun, minghajr titolu validu fil-ligi;**

2. **Tordna li l-konvenuta Franca Pia Di Donna tizgombra mill-imsemmi fond fi zmien xahar mill-lum, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**